MCAST reserves the right to accept or refuse in part or in whole, any or all tenders submitted.

31st October, 2008

KORPORAZZJONI TAX-XOGĦOL U TAĦRIĠ

Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ tilqa' offerti mingħand organizzazzjonijiet stabbiliti għal li ġej:

ETC/06/08. Kiri ta' *Canteen* fil-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ f'Ħal Far.

Kopji tad-dokument tal-offerta jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Servizzi Finanzjarji tal-Korporazzjoni f'Ħal Far mit-8.00 a.m. sa nofsinhar bi ħlas ta' €15 kull wieħed. Din is-sejħa tagħlaq nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Novembru 2008.

ETC/Q/A/05a/08. Provvista ta' *Electro-Hydraulic Security Barrier*.

Kopji tad-dokument tal-kwotazzjoni jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Servizzi Finanzjarji tal-Korporazzjoni f'Ħal Far mit-8.00 a.m. sa nofsinhar mingħajr ħlas. Dan id-dokument jista' jitniżżel ukoll mis-sit elettroniku tal-ETC fuq www.etc.gov.mt. Din is-sejħa tagħlaq nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Novembru 2008.

L-offerti u l-kwotazzjonijiet għall-offerti ta' hawn fuq għandhom ikunu f'envelop magħluq u indirizzat lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ, Ħal Far. L-offerti għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti fl-Uffiċċju Prinċipali tal-ETC f'Ħal Far.

It-titolu u l-kodiċi tal-offerti, kif imsemmija hawn fuq, għandhom jiġu indikati fuq l-envelop.

Il-Korporazzjoni żżomm id-dritt li taċċetta jew tirrifjuta, f'parti jew kollha kemm hi, xi jew kwalunkwe, offerta jew kwotazzjoni li tasal.

Il-31 ta' Ottubru, 2008

KORPORAZZJONI TAX-XOGĦOL U TAĦRIĠ

Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ tilqa' kwotazzjonijiet mingħand organizzazzjonijiet stabbiliti jew individwi professjonali għal li ġej:

MK/90/08. Servizzi ta' fotografija li jkopru perjodu ta' tnax-il xahar kalendarju.

Aktar informazzjoni, tista tinkiseb permezz ta' *email* fuq: communications.etc@gov.mt.

Kwotazzjonijiet għandhom jaslu permezz ta' *email* fuq l-indirizz ta' hawn fuq sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 17 ta' Novembru 2008.

Il-Korporazzjoni żżomm id-dritt li taċċetta jew tirrifjuta, f'parti jew kollha kemm hi, xi jew kwalunkwe, tender jew kwotazzjoni li tasal.

Il-31 ta' Ottubru, 2008

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

The Employment and Training Corporation is receiving offers from established organisations for the following:

ETC/06/08. Hire of Canteen at the Employment and Training Corporation in Ħal Far.

Copies of the tender document may be obtained from the Finance Division of the Corporation in Ħal Far from 8.00 a.m. to noon against a payment of €15 per document. This call closes on Friday, 21st November 2008.

ETC/Q/A/05a/08. Supply of an Electro-Hydraulic Security Barrier.

Copies of the quotation document may be obtained from the Finance Division of the Corporation in Ħal Far from 8.00 a.m. to noon free of charge. Alternatively, the document may be downloaded from the ETC website on www.etc.gov.mt. This call closes on Friday, 21st November 2008.

Tenders and quotations for the above offers should be placed in a sealed envelope and addressed to the Chief Executive Officer, Employment and Training Corporation, Ħal Far. Tenders and quotations are to be deposited in the tender box at the ETC Head Office in Ħal Far.

The offer's title and code, as stated above, are to be indicated on the envelope.

The Corporation reserves the right to accept or refuse in part or whole, any or all of the tenders or quotations submitted.

31st October, 2008

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

The Employment and Training Corporation is receiving quotations from established organisations or professional individuals for the following:

MK/90/08. Photography services covering a period of twelve calendar months.

Further information, may be pbtained through an email to: communications.etc@gov.mt.

Quotations are to be received via email on the above address by not later than Monday, 17th November 2008.

The Corporation reserves the right to accept or refuse in part or whole, any or all of the quotations submitted.

31st October, 2008

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-26 ta' Novembru, 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 71-08. Provvista u stallazzjoni ta' għamara għal-laboratorju tal-ikel fil-Junior Lyceum tas-Subien, Santa Venera u l-Iskola Sekondarja FX Attard, il-Marsa.

Għandu jitħallas dritt ta' €23.00 ma' kull dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, is-27 ta' Novembru, 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 69-08. Provvista u stallazzjoni ta' *roller blinds* fl-Iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ (Malta).

Għandu jitħallas dritt ta' €23.00 ma' kull dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Novembru, 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 70-08. Provvista u stallazßzjoni ta' aperturi tal-*aluminium* fl-Iskola Primarja ''C'' ta' San Benedittu, Ħal Kirkop.

Għandu jitħallas dritt ta' €23.00 ma' kull dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, l-1 ta' Diċembru, 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 72-08. Xogħlijiet fuq barra ta' tqegħid tal-madum fis-sala l-ġdida fl-Iskola Primarja Ġużeppina Deguara, Marsaxlokk.

Għandu jitħallas dritt ta' €23.00 ma' kull dokument tal-offerta.

Wieħed jista' jara ukoll id-dokumenti tal-offerta fuq il-*website* tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada:
www.fts.com.mt.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. Nru. 21387664, *Fax* Nru. 21387660) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa tal-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni fl-indirizz imsemmi hawn fuq.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday, 26th November, 2008, for:-

Advt. No. FTS 71-08. Supply and installation of food laboratory furniture at the Boys' Junior Lyceum, Santa Venera and FX Attard Boys' Secondary School, Marsa.

A fee of €23.00 is to be effected on collection of the tender document.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Thursday, 27th November, 2008, for:-

Advt. No. FTS 69-08. Supply and installation of roller blinds at Żebbuġ Primary School (Malta).

A fee of €23.00 is to be effected on collection of the tender document.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 28th November, 2008, for:-

Advt. No. FTS 70-08. Supply and installation of aluminium apertures at St.Benedict's Primary School ''C'', Kirkop.

A fee of €23.00 is to be effected on collection of the tender document.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Monday, 1st December, 2008, for:-

Advt. No. FTS 72-08. External tiling works at the new hall at Ġużeppina Deguara Primary School, Marsaxlokk.

A fee of €23.00 is to be effected on collection of the tender document.

Tender documents are available for review only on the Foundation for Tomorrow's Schools website:
www.fts.com.mt.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660), on working days between 8.30 a.m. and noon.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at the above mentioned address.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the

pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti tal-2005 (A.L. 177 tal-2005) dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti tal-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali).

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), skond il-klawsola relevanti msemmija fir-Regolamenti ta' hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-31 ta' Ottubru, 2008

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Ir-Rettur jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, l-10 ta' Diċembru 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. UM/1290. Provvista ta' uniformijiet, skond kuntratt bażiku, għall-messaġġiera u bidilli tal-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' €30 inkluża l-VAT għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. UM/1293. Provvediment ta' servizzi ta' sigurtà fil-Junior College, l-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 inkluża l-VAT għal kull dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relativi u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Purchasing* u *Supplies,* id-Dipartiment tal-Finanzi, l-Università ta' Malta, l-Imsida, (Kamra 317, Bini ta' l-Amministrazzjoni) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Il-ħlas għandu jsir fil-*Cash Office,* Bini tal-Amministrazzjoni, matul l-istess ħinijiet.

Il-pubbliku jista' jattendi matul il-ftuħ u l-għoti tal-offerti nhar l-Erbgħa, l-10 ta' Diċembru, 2008, fl-10.15 a.m. f'Kamra 300A, Bini tal-Amministrazzjoni, l-Università ta' Malta, l-Imsida.

Il-31 ta' Ottubru, 2008

general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2005 (L.N. 177 of 2005), the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders).

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the relevant clause mentioned in the above Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

31st October, 2008

UNIVERSITY OF MALTA

The Rector notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 10th December, 2008 for:-

Advt. No. UM/1290. Supply of uniforms, under a framework contract, for messengers and beadles at the University of Malta.

A document fee of €30 inclusive of VAT should be paid.

Advt. No. UM/1293. Provision of security services at the Junior College, University of Malta.

A document fee of €50 inclusive of VAT should be paid.

Tenders should be made only on the prescribed form, which together with the relative conditions and other documents may be obtained from the Purchasing and Supplies Section, Finance Department, University of Malta, Msida, (Room 317, Administration Building) on any working day between 8.30 a.m. and noon. Payment should be effected at the Cash Office, Administration Building, during the same times.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders on Wednesday, 10th December, 2008 at 10.15 a.m. in Room 300A, Administration Block, University of Malta, Msida.

31st October, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

L-Awtorità Marittima ta' Malta tgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis 27 ta' Novembru, 2008, fid-Dipartimenttal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana VLT 2000, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. MMA/003/2008. Provvista u tqegħid ta' madum taċ-ċeramika fiċ-Ċentru tal-Kummerċ Marittimu.

Avviż Nru. MMA/004/2008. Provvista u twaħħil ta' suffetti fiċ-Ċentru tal-Kummerċ Marittimu.

Kopji tad-dokumenti tal-offerti jingħabru mid-Dipartiment tal-Amministrazzjoni, Ċentru tal-Kummerċ Marittimu, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, il-Marsa mit-Tlieta 4 ta' Novembru 2008 wara li jitħallas dritt ta' €50 għal kull offerta. Iċ-ċekkijiet għandhom jitħallsu lill-Awtorità Marittima ta' Malta.

Il-31 ta' Ottubru, 2008

MALTA MARITIME AUTHORITY

The Malta Maritime Authority notifies that:

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana VLT 2000 up to 10.00 a.m. of Thursday 27th November, 2008, for:

Advt No. MMA/003/2008. Supply and installation of ceramic tiles at the Maritime Trade Centre.

Advt No. MMA/004/2008. Supply and installation of suspended ceilings at the Maritime Trade Centre.

Copies of the documents can be collected from the offices of the Malta Maritime Authority at the Administration Department, Maritime Trade Centre, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, Marsa, as from Tuesday, 4th November 2008 against a payment of €50 for each tender. Cheques are to be made payable to the Malta Maritime Authority.

31st October, 2008

AWTORITÀ TAD-DJAR

Iċ-*Chairman,* Awtorità tad-Djar, tgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Novembru, 2008, fl-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 243/2008. Investigazzjoni ġeo-teknika, teħid ta' kampjuni, testijiet fil-laboratorju u rappurtar ta' diversi siti f'Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull dokument tal-offerta.

Il-formoli tal-offerti jistgħu jinkisbu mill-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju.

L-Awtorità żżomm d-dritt li tirrifjuta kull offerta anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-31 ta' Ottubru, 2008

HOUSING AUTHORITY

The Chairman, Housing Authority, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, up to noon of Friday, 21st November, 2008 for:-

Advt. No. 243/2008. Geotechnical investigation, sampling, laboratory testing and reporting of various sites in Malta.

A fee of €50 will be charged for each tender document.

Forms of tenders may be obtained from the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, during office hours.

The Housing Authority reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

31st October, 2008

IL-KUNSILL MALTI GĦALL-KULTURA U L-ARTI

Il-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-12 ta' Novembru 2008 jilqa' kwotazzjonijiet magħluqin fil-kaxxa tal-offerti tal-Kunsill f''Casa Gaspe', 230, Triq ir-Repubblika, Valletta għal:-

Servizz ta' trasport għaż-Żjarat Kulturali 2008 - 2009.

Il-formoli tal-kwotazzjoni jistgħu jinkisbu mill-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti, 'Casa Gaspe', 230, Triq ir-Repubblika, Valletta fil-ħinijiet normali tal-uffiċċju.

Il-31 ta' Ottubru, 2008

THE MALTA COUNCIL FOR CULTURE AND THE ARTS

The Malta Council for Culture and the Arts notifies that:-

Separate sealed quotations will be received at the tender box of the Council at 'Casa Gaspe', 230, Triq ir-Repubblika, Valletta up to 10.00 a.m. of Wednesday, 12th November 2008, for:-

Transport services for Cultural Tours 2008 - 2009.

Quotation forms may be obtained from the Malta Council for Culture and the Arts, 'Casa Gaspe', 230, Triq ir-Repubblika, Valletta, during normal office hours.

31st October, 2008

KUNSILL LOKALI MĠARR

Il-Kunsill Lokali Mġarr jgħarraf illi:-

Sas-1.00 p.m. ta' nhar it-Tlieta, il-25 ta' Novembru, 2008 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, 22, Triq Sir Harry Luke, Mġarr, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. MGR 2/98/1. Servizz ta' żewġ *handymen*.

Il-formoli tal-offerta jistgħu jinkisbu mill-indirizz imsemmi hawn fuq għall-prezz ta' €10 il-waħda.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta.

Il-31 ta' Ottubru, 2008

MĠARR LOCAL COUNCIL

The Mġarr Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Local Council's Administrative Office, 22, Triq Sir Harry Luke, Mġarr, up to 1.00 p.m. of Tuesday, 25th November 2008, for:-

Advt. No. MGR 2/98/1. Service of two handymen.

Forms of tender may be obtained from the abovementioned address for the price of €10 each.

The Council reserves the right to refuse any tender.

31st October, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1618

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Ottubru 2008, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 669/05 FS, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc versus Shelving Systems Ltd et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata Shelving Systems Limited, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ta' HSBC Bank Malta plc ippreżentat fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 669/2005 FS, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs 1. Shelving Systems Ltd (C 23707) 2. Carmen Bonavia (ID 191563M) 3. Dott. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti tal-mejjet Joseph Bonavia, fil-15 ta' Lulju 2005, ir-rikorrenti HSBC Bank Malta plc, esponew bir-rispett:

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 20th October 2008, in the records of the Writ of Summons number 669/05 FS, in the names HSBC Bank Malta plc versus Shelving Systems Ltd et noe, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company Shelving Systems Limited, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application of HSBC Bank Malta plc, filed, in the records of the Writ of Summons number 669/2005 FS, in the names HSBC Bank Malta plc vs 1. Shelving Systems Ltd (C 23707) 2. Carmen Bonavia (ID 191563M) 3. Dr Richard Sladden and Legal Procurator Mario Mifsud Bonnici, in order to represent the vacant inheritance of the deceased Joseph Bonavia, on the 15th July 2005, the applicant HSBC Bank Malta plc, pleaded with respect:

Illi din il-kawża tinsab differita għas-sentenza.

Illi fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 2007, il-konvenuta Carmen Bonavia xhedet illi żewġha miet fl-2004 u li '…aħna għandna t-tfal u għalhekk il-werrieta huma t-tfal. Bejn erbat itfal. Huma minuri l-erbgħa li huma. Jien li nirrapreżenta lit-tfal fil-proċess tas-suċċessjoni. Aħna ma konniex aċċettajna l-wirt.

Illi in vista ta' din-ix-xhieda il-Bank esponent ma kienx harrek lill-ulied Carmen Bonavia.

Illi waqt li kien qed jipprepara in-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu il-Bank attur skopra minn ricerka li għamel fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illi Carmen Bonavia, ma xheditx il-verità meta ddikjarat li hija kienet f'isimha u għan-nom ta' wliedha minuri rrinunzjat għall-wirt tal-mejjet Giuseppe Bonavia.

Kif jirriżulta mill-kopja tal-atti ġudizzjarji relattivi mmarkati Dok X1, fis-16 ta' April 2004, l-istess Carmen Bonavia, ippreżentat, Nota quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) u f'isimha kif ukoll għan-nom ta' wliedha minuri Matthew, Luke, Daniela u Jean Paul 'aċċettat 'is-suċċessjoni tad-defunt Giuseppe Bonavia bil-beneficċju tal-inventarju'.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti (1) tissospendi t-terminu mogħti lill-esponenti għall-preżentata tan-nota ta' osservazzjonijiet u (2) tordna l-kjamata fil-kawza tal-minuri Matthew, Luke, Daniela u Jean Paul aħwa Bonavia rappreżentanti minn ommhom Carmen Bonavia bħala eredi ta' Joseph Bonavia, biex jissotitwixxu l-kuraturi appuntati biex jirrapreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Joseph Bonavia.

Esponenti: 116, Archbishop Street, Valletta.

Qorti Ċivili Prim Awla
Imħallef

Onor. Lino Farrugia Sacco

Ċitazzjoni Numru 669/05 FS

HSBC Bank Malta plc
Versus
Shelving Systems Ltd et

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors,

Tordna n-notifika tar-rikors lill-kontro parti b'għaxar tijiem żmien għar-risposta.

That this cause has been put off for judgement.

That during the sitting of the 3rd December 2007, the defendant Carmen Bonavia, testified that her husband died in 2004 and that 'we have children and thus the heirs are the children. The four of them are minors. I who represent the children in the process of succession. We had not accepted the inheritance.

That in view of this evidence the applicant Bank had not summoned the children of Carmen Bonavia.

That whilst preparing its note of observations the plaintiff Bank, discovered from a search made in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) that Carmen Bonavia did not testify the truth, when she declared that in her name and in the name of her minor children, she renounced the inheritance of the deceased Giuseppe Bonavia.

As results from a copy of the relative judicial acts marked Doc X1, on the 16th April 2004, the same Carmen Bonavia, filed a Note, before the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) that in her name, as well as on behalf of her minor children Matthew, Luke, Daniela and Jean Paul, she accepted 'the succession of the deceased Giuseppe Bonavia with the benefit of inventory'

Thus the applicant prays with respect that this Honourable Court (1) suspends the term given by the applicant for the filing of the note of observations and (2) orders that the minors Matthew, Luke, Daniela and Jean Paul brothers and sisters Bonavia, represented by their mother Carmen Bonavia as heirs of Joseph Bonavia, to substitute the curators appointed to represent the vacant inheritance of Joseph Bonavia.

Applicant: 116, Archbishop Street, Valletta.

Civil Court First Hall
Judge

Hon. Lino Farrugia Sacco

Writ of Summons Number 669/05 FS

HSBC Bank Malta plc
Versus
Shelving Systems Ltd et

The Court,

Having seen the application;

Orders that the application be notified upon the respondent who is to file a reply within ten days.

9 ta' Ġunju 2008.

Notifika: 1. Shelving Systems Ltd,
Independence Avenue,
Mosta.

Il-kawża Ċitazzjoni numru 669/05 FS, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Shelving Systems Limited et noe, tinsab differita għal-11 ta' Novembru 2008, fil-11.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Ottubru 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

9th June 2008.

Notify: 1. Shelving Systems Ltd,
Independence Avenue,
Mosta.

The cause Writ of Sumons number 669/05 FS, in the names HSBC Bank Malta olc vs Shelving Systems Limited et noe, has been put off to the 11th November 2008, at 11.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 23rd October 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1619

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-22 ta' Ottubru, 2008 (Maġistrat Dott. Jacqueline Padovani), fil-kawża (kumpilazzjoni Numru 823/2008) fl-ismijiet;

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafà)

vs

SIMON SPITERI ta' 45 sena, bin Espedito u Concett neè Cutajar, imwieled Pietà fl-10 ta' Settembru 1963, residenti f'Kurunell Court, Flat 2, Triq Dun Anton Tabone, San Ġiljan u detentur tal-karta tal-identità 470763 (M).

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew jkunu jmissu lil Simon Spiteri jew li jkunu proprjetà tiegħu u pprojbiet lill-imsemmi Simon Spiteri milli jittrasferixxi jew xort' oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan li dan is-sekwestru ma jolqotx il-pensjonijiet jew benefiċċji soċjali tal-imsemmi Simon Spiteri li għandu jibbenefika minn €1,000 fix-xahar, għall-għejxien tiegħu u tal-familja tiegħu, ai termini tal-proviso tal-Artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illum, 24 ta' Ottubru, 2008
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta).

JOSEPH SACCO
Aġent Reġistratur

It is being notified that by a decree dated 22nd October, 2008, given by the Court of Magistrates (Malta), as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Jacqueline Padovani) in the case (No. 823/2008) in the names;

The Police
(Inspector Angelo Gafà)

vs

SIMON SPITERI 45 years, son of Espedito and Concetta neè Cutajar, born in Pietà on the 10th September 1963, residing at Kurunell Court, Flat 2, Triq Dun Anton Tabone, St. Julians, holder of identity Card bearing number 470763 (M);

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general all monies and other moveable property due or pertaining or belonging to Simon Spiteri and prohibits the said Simon Spiteri from transfering or otherwise disposing of any movable or immovable property in terms of Section 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Section 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, provided that this attachment does not effect pensions or other social benefits of the said Simon Spiteri who is to benefit of €1,000 monthly for him and his family for their living, in terms of proviso of Section 5 of Cap. 373 of the Laws of Malta.

Today 24th October, 2008
Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

JOSEPH SACCO
Acting Registrar

1620

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet moghti fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1283/07 AF, fl-ismijiet Asfaltar Construction Ltd vs City, Sport & Play Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata a tenur tal-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Avviż ta' smigħ ta' kawża, maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, it-Tnejn 28 ta' April 2008, ir-Rikors Ġuramentat numru 1283/2007 AF, fl-ismijiet Asfaltar Construction Limited vs City, Sport & Play Limited, ġie appuntat għas-smigħ għall-Erbgħa 11 ta' Ġunju 2008, fid-9.00 a.m.

B'ordni tal-istess Qorti ir-rikors ġie differit għas-smigħ għall-11 ta' Diċembru 2008, fid-9.00 a.m.

Notifika: City, Sport & Play Limited,
'Beauregard' Triq il-Qratas,
Swieqi, STJ 13.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Ottubru 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given in the records of the Sworn Application number 1283/07 AF, in the names Asfaltar Construction Ltd vs City, Sport & Play Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company, in terms of Article 187(5) of Cap. 12.

By means of a Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts, on Monday 28th April 2008, the Sworn Application number 1283/2007 AF, in the names Asfaltar Construction Limited vs City, Sport & Play Limited, was appointed for hearing on Wednesday 11th June 2008, at 9.00 a.m.

By order of the same Court the Application was put off for hearing to the 11th December 2008, at 9.00 a.m.

Service at: City, Sport & Play Limited,
'Beauregard' Qratas Street,
Swieqi, STJ 13.

Registry of the Superior Courts, today 24th October 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1621

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tas-26 ta' Awwissu 2008, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet tal-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-26 ta' Awwissu 2008, fuq talba ta' David Penza u martu Benigna Rita sive Benita Penza ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-padrun dirett ismu mhux magħruf, fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu u kontestwali Fidi ta' Ċens fl-ismijiet David Penza et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu u ta' Fidi ta' Ċens ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Awissu 2008, fl-ismijiet David Penza (KI Nru 0507177M, foreman, imwieled Ħ'Attard u bin Joseph Penza u Agatha Penza neè Darmanin u martu Benigna Rita sive Benita Penza neè

It is hereby notified that by means of a decree of the 26th August 2008, the First Hall Civil Court ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 26th August 2008, following a request by David Penza and his wife Benigna Rita sive Benita Penza it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the unknown direct owner in the records of the Schedule of Deposit and contextual Redemption of groundrent in the names David Penza et vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of the Schedule of Deposit and Redemption of groundrent filed in the First Hall Civil Court on the 25 th August 2008, in the names David Penza (ID Number 0507177M), foreman, born in Attard son of Joseph Penza and Agatha Penza neè Darmanin and his wife Benigna Rita

Bajada (ID 0391478M) bint Carmel Bajada u Joan Bajada neè Gatt imwielda Pietà u residenti t-tnejn Perla, Triq Giuseppi Busuttil, Siġġiewi kontra Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-padrun dirett ismu mhux magħruf fir-rigward tal-fond ossia ħanut bin-numru ħmistax (15) fi Triq Ninu Cremona, Paola, Malta.

Illi l-esponenti b'kuntratt tal-20 ta' Settembru 2006, fl-atti tan-Nutar Mary Grech Pace akkwistaw fond ossia ħanut bin-numru ħmistax (15) fi Triq Ninu Cremona, Paola, Malta ...omissis... kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' żewġ ewro u tlieta tletin ċenteżmu (€2.33).

Omissis...

Għaldaqstant l-esponenti qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma ta' €58.25, prezz ta' fidi tal-imsemmi ċens ...omissis... liema ammont għandu jittieħed liberament mill-imsemmi intimat wara li jirrilaxxa d-debita rċevuta skond il-liġi.

Depożitanti David Penza (ID 507177M) Perla, Triq Busuttil, Siġġiewi u Benigna Rita sive Benita Penza neè Bajada (ID 0391478M) – Perla, Triq Ġużeppi Busuttil Siġġiewi.

Notifiki: Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-padrun dirett ismu mhux magħruf fir-rigward tal-fond ossia ħanut bin-numru ħmistax (15) fi Triq Ninu Cremona, Paola, Malta.

Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti Valletta (żewġ kopji)

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuratur tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Albert Magri, LL.D.

Illum 26 ta' Awissu, 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Ottubru 2008.

AVV DOTT FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

sive Benita Penza neè Bajada (ID 0391478M) daughter of Carmel Bajada and Joan Bajada neè Gatt, born Pietà and both residing at Perla, Triq Giuseppi Busuttil, Siġġiewi against Deputy Curators to represent the unknown direct owner in regard to the premises, that is the shop numbered fifteen (15) at Triq Ninu Cremona, Paola, Malta

Whereas the applicants by contract of the 20th September 2006, in the records of Notary Mary Grech Pace acquired the premises that is the shop numbered fifteen (15) at Triq Ninu Cremona, Paola, Malta ...omissis... as subject to the annual perpetual ground rent of two euros and thirty three cents (€2.33).

Omissis...

Therefore the applicants are, under the authority of this Honourable Court, depositing the sum of €58.25, price of the redemption of the said groundrent ...omissis... which amount is to be given freely to the said respondents after releasing the necessary receipt according to law.

Depositor: David Penza (ID 507177M) Perla, Triq Busuttil, Siġġiewi and Benigna Rita sive Benita Penza nee Bajada (ID 0391478M) – Perla, Triq Ġużeppi Busuttil, Siġġiewi.

Notify: Deputy Curators to represent the unknown owner of to represent the unknown direct owner in regard to the premises, that is the shop numbered fifteen (15) at Triq Ninu Cremona, Paola, Malta

Director of Public Registry, Merchants Street Valletta (two copies)

Your are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Albert Magri, LLD.

Today 26th August 2008.

Registry of the Superior Courts, today 24th October 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1622

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Awissu 2008, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 117/08, fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Francis Abela (K.I. 196361M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 28 ta' Lulju 2008

Permezz tal-preżenti, l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jinterpellak ai termini tal-Artikolu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att tħallas l-ammont ta' mija u sittax il-elf, ħames mija u tlieta u tmenin Ewro u ħames Ewro ċenteżmi (Ewro 116,583.05) rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax, skond l-Att XXIII tal-1998 fuq imsemmi, sad-data tal-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u partikolarment izda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kontra tiegħek permezz tal-Avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandhu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruhek u tagħraf timxi.

Mittenti: Centre Point Building, Triq Ta' Paris, Birkirkara.

Notifika intimat: 1. 26, Triq San Rokku, Ħaż-Żebbuġ.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Ottubru 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified ,that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 6th August 2008, in the records of the judicial letter number 117/08, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Francis Abela (I.D. 196361M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 28th July 2008

By the present, the Commissioner for Value Added Tax, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two days (2) from the service of this act you pay the amount of one hundred and sixteen thousand, five hundred and eighty three Euro and five Euro cents (Euro 116,583.05) representing amount due by as Value Added Tax.

With costs and interest, according to Act XXIII of 1998 above mentioned, till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particularly but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Value Added Tax,has against you by means of the Notice sent to you.

Failing which, the interpellant warns you that he shall pass to execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Interpellant: Centre Point Building, Triq Ta' Paris, B'kara.

Notify Respondent: 1. 26, Triq San Rokku, Ħaż-Żebbuġ.

Registry of the Superior Courts, today 24th October 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1623

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Awissu 2008, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1681/08 fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C2833) vs Dennis Cuschieri (ID numru 208474M) ordnat is- segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 5 ta' Ġunju 2008

Lil Dennis Cuschieri (K.I. Numru 208474M)

Bil-preżenti s-soċjetà Bank of Valletta p.l.c. tinterpellak sabiex fi żmien jumejn inti tħallasha s-somma ta' €15,284.24, bilanċ għad-debitu fil-'Loan Account' tiegħek mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax ulterjuri, mis-6 ta' Marzu, sad-data tal-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Soċjetà mittenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Palace Square, Valletta.

Intimat: Dennis Cuschieri,
123, Flat 10, Rudolph Street,
Sliema, SLM 1272.

Registru tal-Qrati Superjuri, illum, 24 ta' Ottubru 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 19th August 2008, in the records of the judicial letter number 1681/08 in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Dennis Cuschieri (ID number 208474M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Civil Court First Hall

Today 5th June 2008

To Dennis Cuschieri (ID Card number 208474M)

By the present the company Bank of Valletta p.l.c. calls upon you so that within two days you pay the sum €15,284.24, balance of debt in your 'Loan Account' with the Bank of Valletta p.l.c. together with further interest from the 6th March 2006, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Interpellant company: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Palace Square, Valletta.

Respondent: Dennis Cuschieri,
123, Flat 10, Rudolph Street,
Sliema, SLM 1272.

Registry of the Superior Courts, today 24th October 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1624

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Attijiet Nutarili, b'digriet tal-14 ta' Ottubru, 2008 ordnat il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid ta' David Shaune Sciberras u Yanice Mia Sciberras li jġibu in-numri 3842 tas-sena 2002 u 1636 tas-sena 2006 rispettivament fis-sens illi l-isem ta' Joseph Tirchett u l-konnotati tiegħu jiġu kanċellati minn kull fejn jirrikorri fiċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom bin-numri 3842/2002 u 1636/2006 rispettivament, u minflok jindika lil ommhom, Larissa Sciberras, bħala bint "missier mhux magħruf."

Illum, 14 ta' Ottubru, 2008

CARMEL MUSCAT
Għar-Reġistratur tal-Qorti tar-Reviżjoni tal-Attijiet Nutarili

It is hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 14th day of October, 2008, ordered the correction of the Acts of Birth of David Shaune and Yanice Mia Sciberras bearing numbers 3842 of the year 2002 and 1636 of the year 2006 respectively in the sense the name "Joseph Tirchett" be cancelled wherever it is required in their acts of birth and the father of their mother, Larissa Sciberras, be declared as "unknown father."

This, 14th day of October, 2008

CARMEL MUSCAT
F/Registrar of the Court of Revision of Notarial Acts

1625

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla, permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Settembru 2008, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2382/08, fl-ismijiet Carmelo Ciappara et vs Joseph Spiteri, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 30 ta' Lulju 2008

Lil: Joseph Spiteri (ID 682562M)
St Mary,
Triq il-Qrendi
Mqabba.

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, Carmelo u Catherine Ciappara (ID 540357(M) u (ID 639358M) rispettivament ta' Villino Ciappara, Triq it-Tempesta, Qrendi, filwaqt li jagħmlu riferenza għall-kuntratti iffirmati miegħek fit-3 ta' Novembru 1998 u 6 ta' Mejju 1999, fejn inti kont obbligajt ruħek li ser tirrimedja d-difetti li hemm fil-permessi tal-bini u fil-layout tal-fond 1, Triq il-Qasam tal-Warda, Qrendi u illi se tħallas il-multi li jistgħu jkunu dovuti fuq dan il-fond jinfurmawk illi l-Awtorità Tad-Djar, beħsiebha tibda proċeduri kontra tagħkom minħabba difetti li għalihom inti responsabbli ai termini tal-istess skritturi u fil-liġi. L-istess Awtorità qed timponi multa ta' Ewro 10,342 peress li l-art minnek mibjugħa kienet tokkupa art ulterjuri tal-istess Awtorità.

Għaldaqstant inti mitlub sabiex fi żmien ġimgħa millum tħallas lill-mittenti s-somma ta' Ewro 10,342. Jekk tonqos li tagħmel dan il-mittenti se jkollhom iħallsu tali multa huma stess u jżommuk responsabbli għal dan il-pagament minnhom magħmul minħabba fik, bil-manjiera infraskritta fl-iskrittura tas-6 ta' Mejju 1999.

L-istess mittenti josservaw illi inti għadek ukoll ma ottemprajtx ruħek mal-fuq imsemmija obbligazzjonijiet in kwantu jirrigwarda il-permessi tal-MEPA.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Ottubru 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 16th September 2008, in the records of the judicial letter number 2382/08, in the names Carmelo Ciappara et vs Joseph Spiteri, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 30 th July 2008

To: Joseph Spiteri (ID 682562M)
St. Mary,
Triq il-Qrendi
Mqabba.

